KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fil-26 ta' Settembru 2019 [1]

Kawża C-785/18

GAEC Jeanningros
vs
Institut national de l'origine et de la qualité (INAO),
Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation,
Ministre de l'Économie et des Finances,
bl-intervent ta':
Comité interprofessionnel de gestion du Comté

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Domanda preliminari — Agrikoltura — Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel — Emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott — Emenda mhux minuri — Emenda minuri — Applikazzjoni għal emenda minuri kkontestata quddiem il-qrati nazzjonali — Ġurisprudenza nazzjonali li tiċħad l-appell kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni — Denominazzjoni ta' oriġini protetta 'Comté'"

1. Konformement mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 [2], id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti (iktar 'il quddiem id-"DOP") għandhom jikkonformaw ma' dak stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott li jinkludu ismu, id-deskrizzjoni tal-prodott, il-metodu kif jinkiseb, id-delimitazzjoni taż-żona ġeografika u dettalji rilevanti oħrajn.

2. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott jistgħu jiġu emendati permezz ta' proċeduri amministrattivi komposti, simili għal dawk li jirregolaw ir-reġistrazzjoni inizjali tad-DOP, fejn jintervjenu kemm l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea. L-iskema tagħhom hija ddefinita f'regolament ta' delega [3], kif ukoll f'regolament ta' implimentazzjoni [4] u tvarja daqsxejn skont l-importanza ta' dawn l-emendi.

3. Id-domanda preliminari magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) għandha tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-funzjoni tal-qrati msejħa sabiex jistħarrġu l-validità tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali mogħtija f'dawn il-proċeduri.

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1151/2012 tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2019, L 216, p. 40, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10, u fil-ĠU 2013, L 55, p. 27).

3 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU 2014, L 179, p. 17).

4 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2014, L 179, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2019, L 19, p. 20, fil-ĠU 2017, L 67, p. 121, fil-ĠU 2016, L 68, p. 20, u fil-ĠU 2015, L 39, p. 23).

4. B'mod partikolari, għandu jiġi ċċarat jekk, meta l-Kummissjoni tkun laqgħet applikazzjoni għal emenda "minuri" tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP, approvata mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, il-qrati ta' dan l-Istat għandhomx jiddeċiedu l-appelli pendenti kontra d-deċiżjonijiet nazzjonali li permezz tagħhom tkun twettqet din l-emenda.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Nru 1151/2012

5. Konformement mal-Artikolu 7:

"1. Denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, għandha tkun konformi ma' speċifikazzjoni li għandu jkun fiha mill-inqas:

(a) l-isem li għandu jiġi protett bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika […];

(b) deskrizzjoni tal-prodott, inkluża materja prima, jekk ikun opportun, kif ukoll il-karatteristiċi prinċipali fiżiċi, kimiċi, mikrobijoloġiċi jew organolettiċi tal-prodott;

(c) id-definizzjoni taż-żona ġeografika […] u, fejn ikun opportun, id-dettalji li jindikaw konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(3);

(d) evidenza li l-prodott joriġina fiż-żona ġeografika ddefinita msemmija fl-Artikolu 5(1) jew (2);

(e) deskrizzjoni tal-metodu kif jinkiseb il-prodott u, fejn ikun opportun, tal-metodi lokali awtentiċi u li ma jinbidlux kif ukoll informazzjoni dwar l-ippakkjar […];

(f) dettalji li jistabbilixxu dan li ġej:

(i) ir-rabta bejn il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott u l-ambjent ġeografiku msemmi fl-Artikolu 5(1); jew

(ii) fejn ikun oppoprtun, ir-rabta bejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra speċifika tal-prodott u l-oriġini ġeografika msemmija fl-Artikolu 5(2);

[…]

h) kwalunkwe regola ta' ttikkettar speċifika għall-prodott ikkonċernat.

[…]"

6. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(4) jipprovdi li:

"L-Istat Membru għandu jiżgura li d-deċiżjoni favorevoli tiegħu tiġi ppubblikata u li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu jkollha opportunità biex tagħmel appell".

7. L-Artikolu 53 jindika li:

"1. Grupp li jkollu interess leġittimu jista' japplika għall-approvazzjoni ta' emenda fi speċifikazzjoni ta' prodott.

L-applikazzjonijiet għandhom jiddeskrivu u jagħtu raġunijiet għall-emendi mitlubin.

2. Fejn l-emenda tkun tinvolvi emenda waħda jew aktar għall-ispeċifikazzjoni li ma jkunux minuri, l-applikazzjoni għall-emenda għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 49 sa 52.

Madankolllu, jekk l-emendi proposti jkunu minuri, il-Kummissjoni għandha tapprova jew tirrifjuta l-applikazzjoni. Fil-każ ta' approvazzjoni ta' emendi li jimplikaw modifika tal-elementi msemmija fl-Artikolu 50(2), il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk l-elementi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Biex emenda titqies bħala waħda minuri fil-każ tal-iskema tal-kwalità deskritta fit-Titolu II, din ma għandhiex:

(a) tkun marbuta mal-karatteristċi essenzjali tal-prodott;

(b) tibdel ir-rabta msemmija fil-punt (f)(i) jew (ii) tal-Artikolu 7(1);

(c) tinkludi bidla fl-isem, jew f'xi parti tal-isem, tal-prodott;

(d) taffettwa ż-żona ġeografika definita; jew

(e) tirrappreżenta żieda fir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-prodott jew il-materja prima tiegħu.

[…]"

2. Ir-Regolament ta' Delega Nru 664/2014

8. L-Artikolu 6(2) ("Emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott") jistabbilixxi li:

"L-applikazzjonijiet għal emenda minuri għal speċifikazzjoni ta' prodott dwar denominazzjonijiet protetti tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandhom jitressqu quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru li ż-żona ġeografika tad-denominazzjoni jew indikazzjoni tirreferi għalih. […]

L-applikazzjoni għal emenda minuri għandha tippproponi biss emendi minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament [Nru 1151/2012]. Din għandha tiddeskrivi dawk l-emendi minuri, tesprimi fil-qosor ir-raġuni għaliex hija meħtieġa emenda, u turi li l-emendi proposti jikkwalifikaw bħala minuri skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Din għandha tqabbel, għal kull emenda, l-ispeċifikazzjoni oriġinali tal-prodott u, fejn rilevanti, dokument uniku oriġinali bil-verżjoni emendata proposta. L-applikazzjoni għandha tkun awtosuffiċjenti u għandha tinkludi l-emendi kollha għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott, u fejn rilevanti, għad-dokument uniku li għalihom tkun qiegħda titfittex l-approvazzjoni.

L-emendi minuri msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 għandhom jitqiesu approvati jekk il-Kummissjoni ma tinformax lill-applikant mod ieħor fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-applikazzjoni.

Applikazzjoni għal emenda minuri li ma tikkonformax mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tkun ammissibbli. L-approvazzjoni taċita msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għal applikazzjonijiet bħal dawn. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant jekk l-applikazzjoni hix meqjusa bħala inammissibbli fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-applikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-emenda minuri approvata għal speċifikazzjoni ta' prodott li ma timplikax modifika tal-elementi msemmija fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012".

3. Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2014

9. L-Artikolu 10 ("Ir-rekwiżiti proċedurali għall-emendi għal speċifikazzjoni ta' prodott") jipprovdi li:

"1. L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti li mhijiex minuri għandhom jitfasslu skont il-formola stabbilita fl-Anness V. Dawk l-applikazzjonijiet għandhom jimtlew skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Id-dokument uniku emendat għandu jitfassal skont il-formola stabbilita fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Ir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fid-dokument uniku emendat għandha twassal għall-verżjoni aġġornata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott proposta.

[…]

2. L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda minuri msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 għandhom jitfasslu skont il-formola stabbilita fl-Anness VII għal dan ir-Regolament.

L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda minuri li tikkonċerna denominazzjonijiet protetti ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokument uniku aġġornat, jekk jiġi emendat, li għandu jitfassal skont il-formola stabbilita fl-Anness I. Ir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fid-dokument uniku emendat għandha twassal għall-verżjoni aġġornata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott proposta.

Għall-applikazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jinkludu dikjarazzjoni li huma tal-fehma li l-applikazzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u tad-dispożizzjonijiet adottati b'konformità miegħu, kif ukoll ir-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott aġġornata […]. L-applikazzjonijiet għal emenda minuri fil-każijiet imsemmija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Iddelegat (UE) Nru 664/2014 għandhom jinkludu r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott aġġornata, għall-applikazzjonijiet li joriġinaw mill-Istati Membri, flimkien mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott aġġornata għall-applikazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

[…]"

B. Id-dritt nazzjonali. Id-digriet tat-8 ta' Settembru 2017, tal-Ministru għall-Agrikoltura u l-Ikel u tal-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi, dwar l-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP "Comté" [5]

10. L-Artikolu 1 jipprovdi li:

"L-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta 'Comté', emendati bi proposta tal-Kummissjoni permanenti tal-Kumitat Nazzjonali għad-denominazzjonijiet tal-ħalib, agroalimentari u forestali tal-Istitut Nazzjonali tal-oriġini u tal-kwalità, ġew approvati sabiex jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea."

5 Arrêté du 8 septembre 2017 du ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation et du ministre de l'Économie et des Finances relatif à la modification du cahier des charges et de l'appellation d'origine protégée "Comté" (JORF Nru 217, tas-16 ta' Settembru 2017; iktar 'il quddiem, id-"Digriet tat-8 ta' Settembru 2017").

11. Konformement mal-Artikolu 2:

"Dan id-digriet għandu jkun applikabbli mid-data ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-emendi fl-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta 'Comté'.

Id-data ta' approvazzjoni tal-emendi min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi ppubblikata permezz ta' avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Ministru għall-Agrikoltura u l-Ikel, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, il-verżjoni approvata tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott."

II. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12. Fis-16 ta' Novembru 2017, il-Groupement agricole d'exploitation en commun (iktar 'il quddiem "GAEC") Jeanningros ikkontesta d-Digriet tat-8 ta' Settembru 2017 quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), fejn talab l-annullament tal-klawżola 5.1.18 tal-ispeċifikazzjonijiet emendati, li tipprojbixxi l-"magna tat-taħlib".

13. Permezz ta' deċiżjoni ppubblikata fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni approvat l-applikazzjoni għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP "Comté" [6], konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 1151/2012, b'teħid inkunsiderazzjoni tat-tielet subparagrafu l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014.

14. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għandu dubju dwar jekk għandux jiddeċiedi dwar l-appell ippreżentat kontra d-Digriet tat-8 ta' Settembru 2017, li għadu pendenti, jew jekk, għall-kuntrarju, ma hemmx lok li jagħti deċiżjoni, bħalma ġara f'każijiet oħrajn [7].

15. Sa issa, il-pożizzjoni meħuda mill-qorti tar-rinviju hija li, meta tkun adita bil-kontestazzjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-Gvern Franċiż jibgħat lill-Kummissjoni applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' DOP flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott approvati u, fil-mument li tingħata s-sentenza, il-Kummissjoni tkun diġà inkludiet din id-denominazzjoni fir-reġistru [8], din il-kontestazzjoni tispiċċa mingħajr skop.

16. Skont din il-ġurisprudenza, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ma għandux jeżamina l-legalità tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott irreġistrati mill-Kummissjoni, anki jekk, kif jiġri f'dan il-każ, tkun ġiet ikkontestata d-deċiżjoni nazzjonali li hija l-bażi tagħha. Dan jiġri wkoll fir-rigward tal-emendi ta' importanza minuri.

17. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan il-mod ta' kif wieħed jipproċedi huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni jew jekk, għall-kuntrarju, fil-konfront tal-konsegwenza li l-annullament eventwali tal-att nazzjonali kkontestat jista' jkollu fuq il-validità tar-reġistrazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar il-legalità ta' dan l-att.

6 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2018, C 187, p. 7).

7 Conseil d'Etat, "Syndicat de défense et de promotion des fabricants et affineurs du Morbier", 5 novembre 2003, req. n.° 0230438.

8 Ir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti huwa pprovdut fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1151/2012. Dan jista' jiġi aċċessat fuq http://ec.europa.eu/agriculture/quality/door/list.html.

18. Id-dubji tagħha wasslu lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) sabiex jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji, u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem il-'Karta'], għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fl-ipoteżi partikolari li fiha l-Kummissjoni Ewropea tilqa' talba tal-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru intiża għal bidla fl-ispeċifikazzjonijiet ta' isem u tar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini kontrollata, filwaqt li din it-talba tkun għadha s-suġġett ta' rikors pendenti quddiem il-qrati nazzjonali ta' dan l-Istat, dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jiddeċiedu li ma jkunx hemm iktar lok li tinqata' l-kwistjoni pendenti quddiemhom jew, fid-dawl tal-effetti marbuta ma' annullament eventwali tal-att ikkontestat dwar il-validità tar-reġistrazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, huma jkollhom jagħtu deċiżjoni dwar il-legalità tal-att tal-awtoritajiet nazzjonali?"

19. Fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li taqta' l-kawża mingħajr ma tiftaħ il-fażi orali.

III. Analiżi

20. Sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari, jidhirli li, minn naħa waħda, għandha tiġi analizzata l-iskema tal-proċeduri amministrattivi previsti sabiex jitwettqu l-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP u, min-naħa l-oħra, il-modalitajiet tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħhom.

A. Il-proċeduri għall-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP

21. L-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP, bħar-reġistrazzjoni tagħhom, issir permezz ta' proċedura amministrattiva komposta, b'intervent tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru u tal-Kummissjoni. Il-premessa 58 tar-Regolament Nru 1151/2012 tindika din iċ-ċirkustanza [9].

22. L-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' emendi, jiġifieri dawk "li ma jkunux minuri" u dawk minuri.

23. L-emendi mhux minuri huma:

– dawk marbuta mal-karatteristiċi essenzjali tal-prodott;

9 "Sabiex ikun żgurat li l-ismijiet irreġistrati ta' denominazzjonijiet tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi kif ukoll ta' speċjalitajiet tradizzjonali garantiti jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità ma' dispożizzjonijiet minimi komuni, li jinkludu proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha teżamina bir-reqqa l-applikazzjonijiet biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żball evidenti u li jkun ittieħed kont tal-liġi tal-Unjoni u tal-interessi tal-partijiet interessati barra l-Istat Membru tal-applikazzjoni".

– dawk li jibdlu r-rabta bejn il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott u l-ambjent ġeografiku, jew ir-rabta bejn ċerta kwalita, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott u l-oriġini ġeografika tiegħu (inċiżi (i) jew (ii) tal-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament Nru 1151/2012);

– dawk li jinkludu bidla fl-isem tal-prodott jew fi kwalunkwe parti tal-isem tiegħu;

– dawk li jaffettwaw iż-żona ġeografika ddefinita; u

– dawk li jirrappreżentaw żieda fir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-prodott jew il-materja prima tiegħu.

24. Emendi minuri huma dawk li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 ma jqisx li huma importanti.

25. B'mod parallel, l-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 jikkunsidra żewġ proċeduri sabiex jitwettqu l-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott. Għal dawk mhux minuri, isir riferiment fl-Artikoli 49 sa 52 (jiġifieri, għall-proċedura applikabbli għar-reġistrazzjoni tad-DOP); għal dawk minuri, tiġi stabbilita proċedura ssemplifikata.

1. Proċedura (ordinarja) għall-emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP

26. Il-proċedura għal reġistrazzjoni tad-DOP tirregola, għalhekk, l-emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott [10]. Din tikkonsisti fl-ewwel fażi (Artikolu 49(2) tar-Regolament Nru 1151/2012) li tibda permezz tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tad-DOP, ippreżentata minn grupp ta' produtturi lill-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn ġeografikament tinsab iż-żona ta' produzzjoni.

27. Dawn l-awtoritajiet għandhom janalizzaw l-applikazzjoni bil-mezzi xierqa sabiex jivverifikaw li hija ġġustifikata u li tissodisfa l-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti mir-regolament imsemmi. Għandha tiġi żgurata l-pubblikazzjoni xierqa tal-applikazzjoni, flimkien mat-terminu raġonevoli li matulu kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti fit-territorju tiegħu tkun tista' tressaq oppożizzjoni għall-applikazzjoni [11].

28. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jevalwaw id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni rċevuti u jiddeċiedu jekk l-applikazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1151/2012. Jekk l-evalwazzjoni tagħhom tkun pożittiva, jadottaw deċiżjoni u għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni u l-aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi għall-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott li fuqhom ikunu bbażaw id-deċiżjoni favorevoli tagħhom.

29. F'dan il-mument huwa ta' rilevanza partikolari l-Artikolu 49(4) tar-Regolament Nru 1151/2012, li skontu "[l-]Istat Membru għandu jiżgura li d-deċiżjoni favorevoli tiegħu tiġi ppubblikata u li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu jkollha opportunità biex tagħmel appell".

30. Jekk id-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti hija favorevoli, il-fażi nazzjonali tintemm billi jintbagħat il-fajl lill-Kummissjoni, li tiġi informata wkoll dwar l-oppożizzjoni ammissibbli li tkun saret [12].

10 L-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014 jestendi wkoll din il-proċedura ordinarja għall-każ ta' annullament tar-reġistrazzjoni ta' DOP meta ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott jew meta prodott ma jiġix ikkummerċjalizzat taħt id-DOP għal mill-inqas seba' snin.

11 Artikolu 49(3) tar-Regolament Nru 1151/2012.

12 Jiġifieri, dawk li ġew mingħand persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu kkummerċjalizzaw legalment il-prodott inkwistjoni bl-użu kontinwu tal-ismijiet korrispondenti għal mill-inqas ħames snin qabel (Artikolu 49(4) tar-Regolament Nru 1151/2012).

31. Il-fażi "Ewropea" ta' din il-proċedura tibda bl-eżami li għandha twettaq il-Kummissjoni, ladarba tirċievi d-deċiżjoni nazzjonali, sabiex tivverifika jekk l-applikazzjoni hijiex iġġustifikata u tissodisfax il-kundizzjonijiet imniżżla għad-DOP. Jekk, wara dan l-eżami (li ma għandux idum iktar minn sitt xhur), il-Kummissjoni tagħżel li tapprova l-applikazzjoni [13], din għandha tippubblika d-dokument uniku u r-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott fil-ĠUUE [14].

32. Wara l-pubblikazzjoni fil-ĠUUE, l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 1151/2012 jindika li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u tinsab stabbilita f'pajjiż terz, ikunu jistgħu jippreżentaw l-avviż ta' oppożizzjoni tagħhom [15]. Il-Kummissjoni għandha tibgħat mingħajr dewmien dan l-avviż lill-awtorità tal-Istat Membru li tkun ippreżentat l-applikazzjoni [16], filwaqt li, sussegwentment, jekk din l-oppożizzjoni tiġi kkonfermata, tiftaħ proċedura [17].

33. Jekk ma tirċievi l-ebda avviż ta' oppożizzjoni (jew l-ebda dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni ammissibbli), il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott, mingħajr ma tapplika l-proċedura li jsir riferiment għaliha fl-Artikolu 57(2) tar-Regolament Nru 1151/2012.

34. Il-Kummissjoni għandha tipproċedi bl-istess mod jekk, wara li tkun irċeviet dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni li tkun ammissibbli, ikun intlaħaq qbil wara l-konsultazzjonijiet indikati fl-Artikolu 51(3) tar-Regolament Nru 1151/2012. Jekk ma jintlaħaqx qbil, il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni għar-reġistrazzjoni jew l-emenda mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP, skont il-proċedura ta' eżami tal-Artikolu 57(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 [18].

35. Fi kwalunkwe każ, l-atti ta' emenda mhux minuri ta' DOP u d-deċiżjonijiet ta' rifjut għandhom jiġu ppubblikati fil-ĠUUE [19].

2. Il-proċedura (issemplifikata) għall-emendi minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP

36. Ir-Regolament Nru 1151/2012 irregola b'mod konċiż din il-proċedura ssemplifikata. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) sempliċement jistabbilixxi li "jekk l-emendi proposti jkunu minuri, il-Kummissjoni għandha tapprova jew tirrifjuta l-applikazzjoni". Iżid li, jekk l-emenda tad-dokument uniku jew tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha tippubblikaha fil-ĠUUE.

13 Jekk il-Kummissjoni tirrifjuta l-applikazzjoni, minħabba li ma jiġux issodisfatti l-kundizzjonijiet, din għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti għar-rifjut tal-applikazzjoni (Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1151/2012).

14 Artikolu 50(1) u (2) tar-Regolament Nru 1151/2012.

15 Fi kwalunkwe każ, dan l-avviż għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-applikazzjoni tista' tikser il-kundizzjonijiet imsemmija fir-regolament fir-rigward tal-emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott.

16 Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 1151/2012.

17 L-avviż ta' oppożizzjoni għandu jiġi akkumpanjat, fi żmien xahrejn, minn dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni, li l-ammissibbiltà tagħha tiġi analizzata mill-Kummissjoni. Jekk tikkunsidraha ammissibbli, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtorità jew persuna li jressqu l-oppożizzjoni u lill-awtorità nazzjonali li ppreżentat l-applikazzjoni sabiex jidħlu f'konsultazzjonijiet adegwati għal terminu raġonevoli li ma għandux jaqbeż it-tliet xhur.

18 Artikolu 52(2) u (3) tar-Regolament Nru 1151/2012.

19 Artikolu 52(4) tar-Regolament Nru 1151/2012.

37. Ir-Regolament ta' Delega Nru 664/2014 żviluppa din il-proċedura ssemplifikata billi ġabha eqreb għal dik ordinarja tal-Artikolu 6(2) tiegħu. Skont il-formulazzjoni tiegħu, l-applikazzjonijiet għal emenda minuri: i) għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru taż-żona ġeografika tad-denominazzjoni; ii) għandhom jiddeskrivu dawn l-emendi, billi jispjegaw għaliex jiġu kkunsidrati minuri, u jqabbluhom mat-test oriġinali; iii) ma għandhomx jipprevedu proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-proċedura ordinarja [20].

38. Fl-aħħar nett, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014 jistabbilixxi li, jekk l-Istat Membru jqis li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1151/2012 u tad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tiegħu, jista' jippreżenta fajl ta' applikazzjoni għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP lill-Kummissjoni.

39. Il-fażi "Ewropea" ta' din il-proċedura hija wkoll issemplifikata. F'dan il-livell ma hemmx il-proċedura ta' oppożizzjoni u l-Kummissjoni għandha s-setgħa ta' deċiżjoni, li tista' tiġi espressa jew preżunta (emendi minuri jiġu meqjusa bħala approvati jekk il-Kummissjoni ma tinformax lill-applikant mod ieħor, fi żmien tliet xhur mir-riċezzjoni tal-applikazzjoni) [21]. Jekk il-Kummissjoni tqis l-applikazzjoni bħala inammissibbli, għandha tavża lill-applikant fi żmien tliet xhur mir-riċezzjoni tagħha. Jekk tapprovaha, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-emendi minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP.

B. L-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet adottati fil-proċeduri għal emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP

40. Skont dak li għadni kif spjegajt, kemm il-proċedura ordinarja, kif ukoll dik issemplifikata, huma proċeduri amministrattivi komposti fejn jintervjenu, suċċessivament, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni.

41. Dan it-tip ta' proċeduri komposti huma rregolati każ b'każ fid-dritt tal-Unjoni [22] u ġew studjati b'mod estensiv mid-duttrina, minħabba li qajmu diversi kwistjonijiet legali [23].

42. L-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet adottati f'dawn il-proċeduri ġie indirizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja, każ b'każ u b'mod mhux eżawrjenti wkoll [24], għalkemm diversi kawżi reċenti, fil-qasam tal-unjoni bankarja, qegħdin jikkontribwixxu sabiex jifformaw il-ġurisprudenza tagħha [25].

20 Madankollu, meta l-applikazzjoni għal emenda minuri ma ssirx mill-grupp li jkun ippreżenta l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tal-isem jew l-ismijiet li jsir riferiment għalihom fl-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott, l-Istat Membru jagħti lil dan il-grupp (jekk jibqa' jeżisti) l-opportunità li jwettaq osservazzjonijiet.

21 Madankollu, l-approvazzjoni taċita ma għandhiex tapplika għall-emendi minuri li ma humiex konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014.

22 Proposta duttrinali ambizzjuża ta' kodifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tal-Unjoni hija dik ta' Mir, O., Hofmann, H.C.H., Schneider, J.-P., Ziller, J. *et* (edituri), *Código ReNEUAL de procedimiento administrativo de la Unión Europea*, INAP, Madrid, 2015. L-Artikolu I-4(4) tal-Código ReNEUAL jiddefinixxi "proċedura komposta" bħala proċedura amministrattiva li fiha l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk ta' Stat Membru, jew ta' diversi Stati Membri, għandhom kompiti distinti li huma interdipendenti. Proċedura komposta hija wkoll waħda li tikkonsisti fl-ikkombinar ta' żewġ proċeduri amministrattivi relatati direttament.

23 Alonso de León, S., *Composite administratives procedures in the European Union*, Iustel, Madrid, 2017; Eliantonio, M., "Judicial Review in an Integrated Administration: the Case of 'Composite Procedures'", *Review of European Administrative Law*, 2014 n.º 2, pp. 65 sa 102; Della Cananea, G., "I procedimenti amministrativi composti dell'Unione europea", f'Bignami, F. u Cassese, S. (dirs.), *Il procedimento amministrativo nel diritto europeo*, Milano, Giuffrè, 2004; Mastrodonato, G., *I procedimenti amministrativi composti nel diritto comunitario*, Bari, Cacucci, 2007; Hofmann, H.C.H., "Composite decision-making procedures in EU administrative law", f'Hofmann, H.C.H. u Türk, A., *Legal Challenges in EU Administrative Law. Towards an Integrated Administration*, Edward Elgar, Cheltenham, 2009, p. 136.

24 Brito Bastos, F., "Derivative illegality in European composite administrative procedures", *Common Market Law Review*, 2018, n.º 1, pp. 101 sa 134.

25 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, iktar 'il quddiem, is-"sentenza Berlusconi u Finivest", EU:C:2018:1023). Il-kawża Iccrea Banca, fejn tajt il-konklużjonijiet tiegħi fid-9 ta' Lulju 2019 (C-414/18, EU:C:2019:574), għadha pendenti.

43. Fil-konklużjonijiet tiegħi għall-kawża Berlusconi u Fininvest, analizzajt il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri amministrattivi komposti tal-Unjoni Ewropea, fejn issir distinzjoni skont jekk is-setgħa deċiżjonali tkunx f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni [26].

44. Fis-sentenza Berlusconi u Fininvest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-qosor, li l-Artikolu 263 TFUE jipprekludi li l-qrati nazzjonali jeżerċitaw il-kontroll tal-legalità tal-atti promoturi, preparatorji u ta' proposta mhux vinkolanti mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan il-proċedura amministrattiva komposta ta' awtorizzazzjoni għall-akkwist jew iż-żieda fil-parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fi stabbilimenti ta' kreditu. Min-naħa tagħha, id-dikjarazzjoni kienet ibbażata fuq żewġ premessi:

– Meta l-atti tal-awtoritajiet nazzjonali huma stadju tal-proċedura fejn istituzzjoni tal-Unjoni teżerċita, waħedha, is-setgħa deċiżjonali finali, mingħajr ma tkun marbuta mill-atti preparatorji jew mill-proposti maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali, dawn ikunu atti tal-Unjoni [27].

– Meta d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi s-setgħa deċiżjonali esklużiva ta' istituzzjoni tal-Unjoni, hija l-qorti tal-Unjoni, abbażi tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha konformement mal-Artikolu 263 TFUE, li għandha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni finali adottata mill-istituzzjoni tal-Unjoni. Esklużivament il-qorti tal-Unjoni għandha teżamina, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-partijiet ikkonċernati, id-difetti eventwali li jivvizzjaw l-atti preparatorji jew il-proposti maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali li huma ta' natura li jaffettwaw il-validità ta' din id-deċiżjoni finali [28].

45. Kif esponejt fil-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża [29], fil-proċeduri amministrattivi komposti fejn jipparteċipaw awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni, l-eżerċizzju tas-setgħa deċiżjonali huwa l-element kruċjali sabiex jiġi stabbilit jekk l-istħarriġ ġudizzjarju għandux jiġi eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni jew mill-qrati nazzjonali. Meta s-setgħa deċiżjonali tkun f'idejn organu tal-Unjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun f'idejn il-qorti tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 263 TFUE. Jekk l-awtorità nazzjonali għandha setgħa deċiżjonali speċifika, il-qrati nazzjonali għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jikkontrollaw il-legalità tal-atti tagħhom [30].

46. Fl-ewwel fażi tal-proċedura komposta għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom setgħa deċiżjonali proprja? Jekk dan huwa l-każ, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni interna għandu jikkonċerna l-qrati nazzjonali, irrispettivament minn jekk il-Kummissjoni tadottax id-deċiżjoni għal reġistrazzjoni tal-emenda fit-tieni fażi tal-proċedura jew le.

47. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa xieraq li jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri għal reġistrazzjoni tad-DOP [31]. Kif ser nispjega sussegwentement, din il-ġurisprudenza turi, fl-opinjoni tiegħi, li l-awtoritajiet tal-Istat Membru korrispondenti għandhom setgħa deċiżjonali speċifika u awtonoma fil-fażi nazzjonali tal-proċedura.

26 Konklużjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2018 (C-219/17, EU:C:2018:502), punti 64 sa 79.

27 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, L-Isvezja vs Il-Kummissjoni (C-64/05 P, EU:C:2007:802), punti 93 u 94; u s-sentenza Berlusconi u Fininvest, punt 43.

28 Sentenza Berlusconi u Fininvest, punt 44. B'analoġija, ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost (314/85, EU:C:1987:452), punt 17.

29 Konklużjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2018 (C-219/17, EU:C:2018:502), punti 60 sa 63.

30 Fil-konklużjonijiet tiegħi tad-9 ta' Lulju 2019, Iccrea Banca (C-414/18, EU:C:2019:574), ikkunsidrajt li d-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ordinarji fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem is-"SRF") titwettaq anki permezz ta' proċedura amministrattiva komposta fejn jintervjenu l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, iżda li d-deċiżjoni finali tagħhom tikkorrispondi għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem il-"BUR"). Għaldaqstant, nirrikonoxxi li l-istħarriġ ġudizzjarju jikkonċerna esklużivament il-Qorti tal-Ġustizzja u mhux il-qrati nazzjonali.

31 Sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2001, Carl Kühne *et* (C-269/99, iktar 'il quddiem is-"sentenza Carl Khüne *et*", EU:C:2001:659), u tat-2 ta' Lulju 2009, Bavaria u Bavaria Italia (C-343/07, iktar 'il quddiem is-"sentenza Bavaria u Bavaria Italia", EU:C:2009:415). Hija rilevanti wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2018, CRM vs Il-Kummissjoni (T-43/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:208), li ser nagħmel riferiment għaliha iktar 'il quddiem.

48. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-proċedura ordinarja għal reġistrazzjoni ta' DOP:

– "teżisti kondiviżjoni ta' kompetenzi bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni. Issa jekk tkunx reġistrazzjoni skont il-proċedura normali jew skont il-proċedura simplifikata, ir-reġistrazzjoni tista' sseħħ biss jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun għamel applikazzjoni f'dan ir-rigward u jekk ikun ikkomunika l-kundizzjonijiet u t-termini kif ukoll l-informazzjoni neċessarja għar-reġistrazzjoni" [32].

– "[…] Stat Membru li tkun saritlu applikazzjoni għal reġistrazzjoni fil-kuntest tal-proċedura normali għandu jivverifika li din l-applikazzjoni tkun iġġustifikata u, meta jqis li r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 2081/92 ikunu sodisfatti, jibgħatha lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, […] il-Kummissjoni tagħmel sempliċi eżami formali sabiex tivverifika jekk l-imsemmija rekwiżiti jkunux sodisfatti" [33].

49. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li "d-deċiżjoni li jiġi rreġistrat isem bħala DOP […] ma tistax tittieħed mill-Kummissjoni ħlief jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun bagħtilha applikazzjoni għal dan il-għan u li tali applikazzjoni tista' ssir biss jekk l-Istat Membru jkun ivverifika li hija ġġustifikata. Din is-sistema ta' kondiviżjoni ta' kompetenzi hija spjegata b'mod partikolari mill-fatt li r-reġistrazzjoni tippresupponi l-verifika li ċertu numru ta' kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, li tirrikjedi, sa ċertu punt, għarfien dettaljat ta' elementi li jkunu marbuta mal-Istat Membru kkonċernat, elementi li l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat ikunu fl-aħjar pożizzjoni li jivverifikaw" [34].

50. Inqis li din il-ġurisprudenza dwar il-proċedura għal reġistrazzjoni ta' DOP tista' tiġi estiża għall-proċedura ordinarja ta' emendi mhux minuri għall-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott: kif diġà spjegajt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 jagħmel riferiment għall-Artikoli 49 sa 52 tiegħu, li jittrattaw ġustament din il-proċedura għal reġistrazzjoni.

51. Nikkunsidra li tista' tiġi estiża wkoll għall-proċedura ssemplifikata, minħabba li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014 ittrattaha b'mod simili għal dik ordinarja (li, min-naħa tagħha, hija dik imsemmija għar-reġistrazzjoni tad-DOP), għalkemm bi tħassir tal-proċeduri ta' oppożizzjoni fiż-żewġ fażijiet.

52. Il-ġurisprudenza ċċitata tirrigwarda l-proċedura ordinarja għal reġistrazzjoni tad-DOP, stabbilita mir-Regolament Nru 2081/92, li huwa l-predeċessur ta' dak attwali (Artikoli 49 sa 52 tar-Regolament Nru 1151/2012). Kif diġà spjegajt, kienet tirrigwarda wkoll il-proċedura ta' dak li kien l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, jiġifieri, il-proċedura ssemplifikata u tranżitorja għar-reġistrazzjoni fl-Unjoni tad-DOP eżistenti, protetti jew stabbiliti permezz tal-użu fl-Istati Membri [35].

53. Dawn il-proċeduri kienu jinkludu wkoll fażi nazzjonali u oħra Ewropea, ta' natura simili għal dawk attwali ta' reġistrazzjoni u ta' emenda tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP. Nirrepeti li, konsegwentement, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li analizzathom tista' tiġi estiża għall-emendi minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP.

32 Sentenzi Carl Kühne *et*, punti 50 u 51, u Bavaria u Bavaria Italia, punt 64. Din tal-aħħar irreferiet għall-kondiviżjoni ta' kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni fil-proċedura komposta minn dak li kien l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 tal-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4), li kienet il-proċedura ssemplifikata u tranżitorja għar-reġistrazzjoni fl-Unjoni tad-DOP eżistenti, protetti jew stabbiliti permezz tal-użu mill-Istati Membri.

33 Sentenzi Carl Kühne *et*, punt 52, u Bavaria u Bavaria Italia, punt 65.

34 Sentenzi Carl Kühne *et*, punt 53, u Bavaria u Bavaria Italia, punt 66.

35 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 32.

54. Konformement ma' din il-ġurisprudenza, l-awtorità nazzjonali għandha l-kontroll tal-proċedura għal emenda minuri, li huwa ġġustifikat, *inter alia* [36], għar-raġunijiet li ġejjin:

– Il-gruppi ta' produtturi huma obbligati li jibdew din il-proċedura quddiem l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab id-DOP. Dawn il-gruppi ma jistgħux jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom direttament lill-Kummissjoni.

– L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jivverifikaw il-kompatibbiltà tal-proposta mar-rekwiżiti sostantivi tar-Regolament Nru 1151/2012, minħabba li huma dawn li għandhom l-għarfien l-iktar b'saħħtu sabiex jivverifikaw l-ispeċifiċitajiet ta' dawn l-emendi minuri.

– L-awtorità tal-Istat Membru hija kompetenti sabiex tapprova jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal emenda minuri fil-fażi nazzjonali. Għalhekk, hija għandha l-*muftieħ* sabiex tiftaħ jew ma tiftaħx l-istadju sussegwenti tal-proċedura, permezz tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni lill-Kummissjoni. Mingħajr deċiżjoni favorevoli tal-awtorità nazzjonali, il-Kummissjoni ma tistax tintervjeni.

– Il-Kummissjoni tevalwa jekk l-applikazzjoni għal emenda minuri hijiex konformi mar-Regolament Nru 1151/2012, mar-Regolament ta' Delega Nru 664/2014 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2014, jiġifieri, jekk tinkludix l-elementi meħtieġa u jekk hijiex ivvizzjata bi żbalji manifesti [37].

– L-awtorità nazzjonali jibqa' jkollha l-possibbiltà li tirtira l-applikazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni qabel ma din tirreġistraha.

55. Dawn is-setgħat jenfasizzaw li l-awtorità nazzjonali għandha setgħa deċiżjonali awtonoma wiesgħa fil-fażi nazzjonali tal-proċedura komposta għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP [38]. Din is-setgħa hija suġġetta biss għall-kontroll tal-qrati nazzjonali, u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tivverifika d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-fażi Ewropea tal-proċedura [39].

56. Din l-affermazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 49(4) tar-Regolament Nru 1151/2012, li għamilt riferiment għalih iktar 'il fuq [40]. Fil-fatt, permezz tar-regola bażika proprja, il-leġiżlatur Ewropew irrikonoxxa, b'mod individwali, li, fil-konfront tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membru favur l-emenda tal-ispeċifikazzjoni, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata b'mod leġittimu għandu jkollha "opportunità biex tagħmel appell".

57. Ċertament, dan l-appell—li, naturalment, jiġi ppreżentat quddiem il-qrati nazzjonali— huwa previst espressament għad-deċiżjonijiet dwar l-emendi mhux minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP. Madankollu, minħabba l-prossimità tal-proċeduri li jirregolaw dawn l-emendi u dawk minuri, naħseb li d-dritt għall-preżentata ta' appell japplika bl-istess mod għal dawn tal-aħħar.

36 L-Istati Membri jistgħu jipprovdu, fid-dritt intern tagħhom, protezzjoni nazzjonali tranżitorja għad-DOP, limitata għat-territorju tagħhom, mit-tmiem tal-fażi nazzjonali tal-proċedura għal reġistrazzjoni, sa ma l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni. Għalkemm din il-possibbiltà tissemma fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1151/2012 esklużivament għar-reġistrazzjoni ta' DOP u mhux għall-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott, tirrifletti wkoll il-kontroll tal-awtorità nazzjonali fuq il-fażi interna ta' dawn il-proċeduri komposti.

37 Sentenzi Carl Kühne *et*, punt 54, u Bavaria u Bavaria Italia, punt 67.

38 Fil-proċeduri għal emendi tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP tal-inbid, irregolati b'regoli sussegwenti, is-setgħa tal-awtorità nazzjonali hija kważi esklużiva, ħlief għall-pubblikazzjoni fil-ĠUUE li tagħmel il-Kummissjoni. Fihom tiġi identifikata tendenza għat-tishih tas-setgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, possibbilment minħabba d-diffikultajiet amministrattivi tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-fażi Ewropea.
Il-proċeduri għall-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP tal-inbid huma rregolati prinċipalment fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671), kif ukoll fl-Artikoli 14 sa 18 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU 2019, L 9, p. 2).

39 Sentenza Bavaria u Bavaria Italia, punti 70 u 71.

40 Punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58. Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali dwar l-emendi minuri ma humiex fil-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tal-Unjoni, fir-rigward tal-atti awtonomi indispensabbli sabiex, sussegwentement, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwarhom. Fir-realtà, mill-perspettiva materjali u minħabba l-marġini ta' diskrezzjoni verament limitat li għandha l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, huma d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali dawk li, fil-verità, jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jiġġustifikaw l-approvazzjoni ta' dawn il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet.

59. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma l-qrati nazzjonali dawk li għandhom jirrikonoxxu l-irregolaritajiet ta' att nazzjonali, fejn xieraq wara li jkunu ressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' stħarriġ applikabbli għal kull att definittiv li, adottat mill-istess awtorità nazzjonali, ikun jista' jippreġudika lil partijiet terzi, u jikkunsidraw l-appell ippreżentat għal dan il-għan bħala ammissibbli, fl-interess tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, anki jekk ir-regoli nazzjonali ta' proċedura ma jippreveduhx [41].

C. L-effett ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fuq il-kawża prinċipali

60. Il-partijiet qegħdin jittrattaw, quddiem il-Conseil d'Etat (il-Kunsill tal-Istat), emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP tal-ġobon "Comté". Ma hemmx dubju li l-klawżola ġdida kkontestata (numru 5.1.18), li tintroduċi l-projbizzjoni tal-magni tat-taħlib, hija ta' natura minuri.

61. Fil-qosor, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk ir-regolamenti li diġà sar riferiment għalihom u l-Artikolu 47 tal-Karta jippermettulhiex tikkonferma l-ġurisprudenza preċedenti tagħha (li skontha ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni għall-appelli pendenti, ladarba l-Kummissjoni tkun approvat l-emenda) jew għandhomx iwassluha għall-korrezzjoni tagħha.

62. Il-kunsiderazzjonijiet li esprimejt sa issa, ibbażati fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri għal reġistrazzjoni tad-DOP u fuq ir-regoli relatati ma' dan il-qasam (b'attenzjoni speċjali għall-Artikolu 49(4) tar-Regolament Nru 1151/2012), iwassluni sabiex niffavorixxi t-tieni waħda minn dawn iż-żewġ pożizzjonijiet.

63. Għal dan il-għan, inqis li, il-fatt li ma tingħatax deċiżjoni dwar appell ippreżentat minn min jista' jagħmel dan b'mod leġittimu, fil-każ ta' emendi minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP, huwa inkompatibbli mad-dritt li r-Regolament Nru 1151/2012 jagħti lill-persuni kkonċernati u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri komposti għal reġistrazzjoni tad-DOP. B'dan l-istess mod, ma jikkonformax mal-Artikolu 47 tal-Karta.

64. Fir-realtà, b'dan tiġi risposta d-domanda preliminari, minħabba li l-qorti tar-rinviju tibbaża din tal-aħħar fuq l-obbligu, jew in-nuqqas ta' obbligu, li tittieħed deċiżjoni dwar l-appell, minflok fuq il-konsegwenzi li s-sentenza tagħha jista' jkollha fuq id-deċiżjonijiet diġà adottati mill-Kummissjoni. Madankollu, ser nagħmel riferiment anki għal dawn tal-aħħar.

65. Fil-fehma tiegħi, l-annullament tal-att nazzjonali li permezz tiegħu ġiet approvata l-emenda minuri, għat-trasferiment tagħha lill-Kummissjoni, iwassal, bħala *reazzjoni ta' katina*, għan-nuqqas ta' bażi legali għad-deċiżjoni proprja tal-Kummissjoni.

41 F'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 1992, Oleificio Borelli vs Il-Kummissjoni, C-97/91, EU:C:1992:491, punti 9 sa 13; Carl Kühne *et*, punt 58; Bavaria u Bavaria Italia, punt 57; u Berlusconi u Fininvest, punti 45 u 46.

66. Sabiex tiġi evitata din il-konsegwenza mhux mixtieqa, ikun xieraq li l-Kummissjoni tissospendi l-ipproċessar tal-fażi tal-proċedura li tkun għaddejja quddiemha, meta jkun hemm appelli pendenti quddiem il-qrati nazzjonali kontra d-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali li approvat l-emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott [42]. B'dan il-mod, minn naħa waħda, ikun hemm iktar konformità mad-dritt tal-protezzjoni ġudizzjarja tal-appellanti u, min-naħa l-oħra, maċ-ċertezza legali, b'tali mod li jiġi evitat li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jibqgħu, *a posteriori*, mingħajr bażi legali [43].

67. L-obbligu li jiġi żgurat l-effett utli tal-protezzjoni ġudizzjarja tal-appellanti quddiem il-qrati nazzjonali, awtorizzati b'regola tad-dritt tal-Unjoni, u, possibbilment, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba [44], għandhom iwasslu lill-Kummissjoni sabiex, fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, tinkludi ċ-ċirkustanza fejn ikun hemm appelli pendenti kontra d-deċiżjoni nazzjonali quddiem il-qrati tal-Istat Membru [45].

68. Bl-istess mod, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jippreżentaw l-applikazzjoni għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP quddiem il-Kummissjoni, jekk hemm appelli pendenti quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-approvazzjoni tagħha jew, *a fortiori*, jekk tkun ingħatat sentenza ta' annullament minn qorti nazzjonali, anki jekk ma tkunx definittiva.

69. Fil-qosor, il-Kummissjoni jkollha tastjeni milli tipproċessa l-applikazzjoni għal emenda minuri tal-ispeċifikazzjonijiet ta' DOP, kemm jekk hija tkun taf bl-eżistenza ta' appelli pendenti kontra d-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni, kif ukoll jekk hemm sentenzi li jagħmluha totalment jew parzjalment invalida. Jekk dan ma huwiex il-każ, l-annullament eventwali ta' din id-deċiżjoni nazzjonali permezz ta' sentenza definittiva tal-qrati tal-Istat Membru, li għandhom l-obbligu li ma jiddeċidux dwar l-appelli pendenti quddiemhom, iwassal għat-telf mhux mistenni fil-validità tad-deċiżjoni proprja tal-Kummissjoni.

IV. Konklużjoni

70. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) kif ġej:

"L-Artikoli 49(4) u 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, u l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qrati nazzjonali ma jistgħux jiddikjaraw li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appelli pendenti quddiemhom kontra d-deċiżjonijiet tal-awtorità nazzjonali dwar l-emendi minuri għall-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta, fuq il-bażi li l-Kummissjoni, ladarba dawn l-appelli kienu pendenti, kienet evalwat u ppubblikat din l-applikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*".

42 Għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiġi estiż, f'dan il-każ eċċezzjonali, it-terminu sabiex tittieħed deċiżjoni, b'tali mod li ma jkunx hemm lok għal aċċettazzjoni impliċita tal-applikazzjoni.

43 Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2018, CRM vs Il-Kummissjoni (T-43/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:208) ikkunsidrat li l-Kummissjoni ma setgħetx tirreġistra l-IĠP Piadina Romagnola ladarba l-awtorità Taljana kienet approvat u bagħtet l-applikazzjoni lill-Kummissjoni sitt ijiem wara l-annullament parzjali tal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott permezz ta' sentenza tal-qorti nazzjonali tal-appell. Il-Kummissjoni approvat din l-IĠP u ppubblikat id-deċiżjoni tagħha fil-ĠUUE, mingħajr ma stenniet id-deċiżjoni tal-appell ippreżentat quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kontra s-sentenza ta' annullament tal-qorti tal-appell.

44 Artikolu 41 tal-Karta. Il-Qorti Ġenerali tagħmel riferiment għalih fis-sentenza tagħha tat-23 ta' April 2018, CRM vs Il-Kummissjoni (T-43/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:208), punti 67 sa 83.

45 Il-Kummissjoni għandha twettaq din l-evalwazzjoni fil-kuntest tas-setgħat ta' analiżi li jkollha fil-fażi Ewropea tal-proċedura, skont l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012.